Nru./No. 21,425
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 22 ta' April, 2025
Tuesday, 22nd April, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5493 - 5504
Government Notices ..... *5493 - 5504*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5504 - 5509
Police Notices ..... *5504 - 5509*

Avviżi lill-Baħħara ..... 5509 - 5514
Notices to Mariners ..... *5509 - 5514*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5514 - 5521
Employment Opportunities ..... *5514 - 5521*

Avviżi tal-Gvern ..... 5521 - 5524
Notices ..... *5521 - 5524*

Offerti ..... 5524 - 5532
Tenders ..... *5524 - 5532*

Avviżi tal-Qorti ..... 5532 - 5552
Court Notices ..... *5532 - 5552*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 623

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

Housing Projects Solutions Ltd

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ħatar dawn il-persuni fuq il-Housing Projects Solutions Ltd kif ġej:

Chairperson
Is-Sur George Meli

Diretturi
Ms Marisa Vassallo
Is-Sur Massimo Azzopardi
Is-Sur Jesmond Tanti
Is-Sur Aaron Bugeja
Is-Sa Yovanca Barbara
Is-Sa Stephanie Attard Apap
Is-Sur Renald Formosa
Is-Sur Joseph Piscopo

Segretarja
Is-Sa Marouska Pisani Bugeja

It-22 ta' April, 2025

Nru. 624

ATT TAL-2015 DWAR IL-PROFESSJONI TAL-COUNSELLING (KAP. 538)

Ħatra ta' Membru Ġdid tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Counselling

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Counselling (Kap. 538), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva l-ħatra tas-Sa Nicolette Cachia bħala membru fuq il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Counselling minflok is-Sa Marthese Vassallo.

Din il-ħatra tibqa' valida sat-2 ta' Ottubru, 2025.

It-22 ta' April, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 623

MINISTRY FOR SOCIAL AND AFFORDABLE ACCOMMODATION

Housing Projects Solutions Ltd

IT is hereby notified that the Minister for Social and Affordable Accomodation has appointed the following members on the Housing Projects Solutions Ltd as follows:

Chairperson
Mr George Meli

Directors
Ms Marisa Vassallo
Mr Massimo Azzopardi
Mr Jesmond Tanti
Mr Aaron Bugeja
Ms Yovanca Barbara
Ms Stephanie Attard Apap
Mr Renald Formosa
Mr Joseph Piscopo

Secretary
Ms Marouska Pisani Bugeja

22nd April, 2025

No. 624

COUNSELLING PROFESSION ACT, 2015 (CAP. 538)

Appointment of New Member of the Council of the Counselling Profession

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 4 of the Counselling Profession Act (Cap. 538), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has approved the appointment of Ms Nicolette Cachia as member of the Council of the Counselling Profession instead of Ms Marthese Vassallo.

This appointment shall remain valid until 2nd October, 2025.

22nd April, 2025

Nru. 625

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,423 tas-17 ta' April, 2025 (Avviżi Legali 75 sa 76).

A.L. 75 tal-2025: Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Emenda jew Revoka ta' Kondizzjoni Imposta f'Kuntratt ta' Proprjetà li kienet Trasferita mill-Gvern, l-Awtorità tal-Artijiet jew Entitajiet Ekklesjastiċi permezz ta' Bejgħ jew Enfitewsi.

A.L. 76 tal-2025: Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra.

It-22 ta' April, 2025

No. 625

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,423 of 17th April, 2025 (Legal Notices 75 to 76).

L.N. 75 of 2025: Government Lands Act (Cap. 573); Amendment or Revocation of a Condition Imposed in a Contract of a Property Transferred by the Government, the Lands Authority or Ecclesiastical Entities by Means of a Sale or Emphyteusis (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 76 of 2025: Explosives Ordinance (Cap. 33); Control of Fireworks and other Explosives (Amendment) Regulations, 2025.

22nd April, 2025

Nru. 626

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Reġistrazzjoni u Moviment ta' Ekwini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, (Kap. 437), il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, ifakkar lid-detenturi u lis-sidien kollha tal-annimali ekwini biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni deskritti fil-Metodi għall-Identifikazzjoni tal-Equidae, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.113.

Individwi li, fl-22 ta' April, 2025, għandhom jew kellhom taħt il-kontroll jew il-ġestjoni tagħhom jew irreġistraw f'isimhom annimali ekwini u ma kkonformawx ma' dawn ir-Regolamenti huma mħeġġa jaġġornaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom. B'dan qed jingħata perjodu ta' amnestija għal dawk li l-ekwini tagħhom bħalissa ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni, li jippermettilhom jirregolarizzaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom mingħajr ma jiffaċċjaw penali.

Perjodu ta' Amnestija: 22 ta' April, 2025 - 21 ta' Lulju, 2025

Dan japplika għal ekwini li:

Għandhom nuqqas ta' identifikazzjoni xierqa; jew
Ma kellhomx il-moviment jew il-mewt tagħhom irrappurtati; jew

No. 626

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Registration and Movement of Equines

IN exercise of the powers conferred by the Veterinary Services Act, (Cap.437), the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, reminds all keepers and owners of equine animals to comply with the identification requirements outlined in the Methods for the Identification of Equidae Rules, Subsidiary Legislation 437.113.

Individuals who, on the 22nd April, 2025, have or had under their control or management or registered in their name equine animals and have not complied with these Regulations are encouraged to update their registrations. An amnesty period is hereby granted for those whose equines do not currently meet identification requirements, allowing them to regularise their registrations without facing penalties.

Amnesty Period: 22nd April, 2025 - 21st July, 2025

This applies to equine that:

Lack proper identification; or
Have not had their movement or death reported; or

Għandhom dettalji mhux kompluti jew skorretti fid-Database Nazzjonali tal-Bhejjem ta' Malta;

Ma tissodisfax l-istandards ta' reġistrazzjoni stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262;

In-nuqqas ta' konformità f'dan il-perjodu ta' amnestija jista' jwassal għal azzjonijiet ta' infurzar, inklużi restrizzjonijiet ta' moviment u pieni kif deskritti fir-Regolamenti Metodi għall-Identifikazzjoni tal-Equidae u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jżur (https://ahwd.gov.mt/)

It-22 ta' April, 2025

Have incomplete or incorrect details in the Maltese National Livestock Database;

Do not meet the registration standards set by Commission Implementing Regulation (EU) 2015/262;

Failure to comply within this amnesty period may lead to enforcement actions, including movement restrictions and penalties as outlined in the Methods for the Identification of Equidae Rules and the Veterinary Services Act.

For further information one may visit (https://ahwd.gov.mt/)

22nd April, 2025

Nru. 627

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Ġnien tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Erbgħa, 30 ta' April, 2025, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Fuq se jkun magħluq għall-pubbliku mis-2.00 p.m. 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll tas-Sur Aaron Zahra.

It-22 ta' April, 2025

No. 627

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Upper Barrakka Gardens will be closed to the public on Wednesday, 30th April, 2025, from 2.00 p.m. onwards, and will be under the control of Mr Aaron Zahra.

22nd April, 2025

Nru. 628

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2025, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku l-ġurnata kollha u jkun taħt il-kontroll tal-EU Commission.

It-22 ta' April, 2025

No. 628

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Friday, 9th May, 2025, all day, and will be under the control of the EU Commission.

22nd April, 2025

Nru. 629

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Ġnien tal-Argotti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Gimgħa, 23 u s-Sibt, 24 ta' Mejju, 2025, il-Ġnien tal-Argotti se jkun magħluq għall-pubbliku bejn is- 6.30 p.m. u nofsillejl, u jkun taħt il-kontroll ta' Ritmu Music Festival.

It-22 ta' April, 2025

No. 629

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Argotti Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Argotti Gardens will be closed to the public on Friday, 23rd and Saturday, 24th May, 2025, between 6.30 p.m. and midnight, and will be under the control of Ritmu Music Festival.

22nd April, 2025

Nru. 630

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Ġnien ta' Sant'Anton

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 17, u l-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2025, il-Ġnien ta' Sant'Anton se jkun magħluq għall-pubbliku mis-7.00 a.m. sas-6.00 p.m., u jkun taħt il-kontroll tal-Malta National Rabbit Show.

It-22 ta' April, 2025

No. 630

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Sant'Anton Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that the Sant'Anton Gardens will be closed to the public on Saturday, 17th and Sunday, 18th May, 2025, from 7.00 a.m. to 6.00 p.m., and will be under the control of the Malta National Rabbit Show.

22nd April, 2025

Nru. 631

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA
D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA
(ARĠENTIERA)
(KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22.4.2025	€94.269	€0.918

It-22 ta' April, 2025

No. 631

**GOLDSMITHS AND
SILVERSMITHS
ACT
(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

22nd April, 2025

Nru. 632

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq is-Sienja u Triq l-Istwiet, Ħ'Attard (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 5498).

Parti minn Triq tal-Linja u Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 5499).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-22 ta' April, 2025 u t-30 ta' Awwissu, 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq is-Sienja u Triq l-Istwiet, Ħ'Attard. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-22 ta' April 2025 u t-30 ta' Awwissu 2025, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq tal-Linja u Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-22 ta' April, 2025

No. 632

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Part of Triq is-Sienja and Triq l-Istwiet, Ħ'Attard (indicated on site plan on page 5498).

Part of Triq tal-Linja and Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard (indicated on site plan on page 5499).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 22nd April, 2025 and 30th August, 2025, it will be starting road works in part of Triq is-Sienja and Triq l-Istwiet, Ħ'Attard. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 22nd April, 2025 and 30th August, 2025, it will be starting road works in part of Triq tal-Linja and Triq il-Blanzuni, Ħ'Attard. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking'signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further information or assistance may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).


22nd April, 2025



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: H'ATTARD po Triq is-Sienja - Triq L-Istwiel - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
	HEAD OF UNIT: N.V.			
	PROJECT LEADER: -	DATE: Jan 2025	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD012/25
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 2

S:\Traffic Management\2025\Attard\2025 Attard.dwg



INFRASTRUCTURE MALTA

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: Ħ'ATTARD po Triq il-Linja - Triq il-Blanzuni - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: Jan 2025	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD011/25	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 1

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Steve Ellul

S:\Traffic Management\2025\Attard\2025 Attard.dwg

Nru. 633

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Ħ'Attard, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 633

NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ħ'Attard, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

Ħ'ATTARD

TRIQ DUN LEONARDU MICALLEF

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Ġwann Theuma

Left side entering from Triq Dun Ġwann Theuma

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Garaxx	3
Garaxx	5
Bieb bla numru	7
Bieb bla numru	9
Ocaso	11
Bieb bla numru	13
22, El Hogar	15
21, Il-Ġawhra	17
Bracha	19
19	21
Bieb bla numru	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Ġwann Theuma

Right side entering from Triq Dun Ġwann Theuma

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
The Edge	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Pearl	10
Myst	12
Garaxx	14
Sol	16
Bieb bla numru	18
Garaxx	20
Alba	22
Garaxx	24
Bramble	26
Garaxx	28
Nara	30
Garaxx	

It-22 ta' April, 2025

22nd April, 2025

Nru. 634

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠILJAN

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'San Ġiljan, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 634

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠILJAN

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at San Ġiljan, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

SAN ĠILJAN

TRIQ IL-QALIET

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Ġorġ

Left side entering from Triq San Ġorġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Ġorġ

Right side entering from Triq San Ġorġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Nina Margaret (Flettijiet)	2

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	3
Bieb bla numru	5
Fratelli Campanella (Restorant)	7
Belvedere Court	9
Dukkara Flats	11

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Auto Rentals (Ħanut)	4
Basic Food and Drinks (Ħanut)	6
Basic Food and Drinks (Ħanut)	8
Basic Food and Drinks (Ħanut)	10
Garaxx	12
Chatres	14
Basic 888 (Ħanut)	16
Creek (Flettijiet)	18
Daħla għall-garaxxijiet	20
Bieb bla numru	22
Fleur Residence (Flettijiet)	24
Mercure Hotel (Uffiċċju)	26
Daħla għall-garaxxijiet	28
Mercure Hotel	30
Garaxx	32
The Jules Residence (Flettijiet)	34
Uffiċċju	36
Garaxx	38
The Emms (Flettijiet)	40
Quadro Hotel	42

It-22 ta' April, 2025

Nru. 635

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 630 tat-3 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd April, 2025

No. 635

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 630 dated 3rd August, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

22. TRIQ L-IMRIEĦEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Wied

Left side entering from Triq il-Wied

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Miriam House	35
19	37
Garaxx	39
Bieb bla numru (Dar)	41
Garaxx	43
23	45

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Wied

Right side entering from Triq il-Wied

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
35, Miriam House	35

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
37	**37**		
Master Court	**39**		
41, Barka	**41**		
43 (Garaxx)	**41A**		
43 (Garaxx)	43		
45	45		

It-22 ta' April, 2025

Nru. 636

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 504 tad-29 ta' Mejju, 2007, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

22nd April, 2025

No. 636

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 504 dated 29th May, 2007, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Qormi', the following amendment in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

TRIQ L-GĦADIRA
(kienet magħrufa bħala Sqaq Għadira)
(formerly unofficially named as Sqaq l-Għadira)

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Renè Cilia

Left side entering from Triq Dun Renè Cilia

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Renè Cilia

Right side entering from Triq Dun Renè Cilia

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
El Blanc (Flettijiet)	**1**

It-22 ta' April, 2025

Nru. 637

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 686 tal-25 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd April, 2025

No. 637

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 686 dated 25th August, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

29. TRIQ IL-MITĦNA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Franġisk

Left side entering from Triq San Franġisk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Franġisk

Right side entering from Triq San Franġisk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sub-Station	82

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Daħla għall-garaxxijiet	84
		Villa Refalo	86
		Bougainville	88
		Garaxx	90

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		82 (Sub-Station)	82
		Daħla għall-garaxxijiet	**84**
		Bieb bla numru	**84A**
		Daħla għall-garaxxijiet	**86**
		84/86 (Uffiċini)	**86A**
		88 (Ħanut)	**88**
		90, **Alexander Auto Sales** (Garaxx)	90

It-22 ta' April, 2025

Nru. 638

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SWIEQI

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 626 tas-26 ta' Awwissu, 1997, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Swieqi', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

22nd April, 2025

No. 638

NUMBERING OF DOORS AT IS-SWIEQI

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 626 dated 26th August, 1997, under the title 'Renumbering of doors at Is-Swieqi', the following prolongation in **bold** should be made.

IS-SWIEQI

56. TRIQ TA' STRONKA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Wied id-Dis

Left side entering from Triq Wied id-Dis

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Wied id-Dis

Right side entering from Triq Wied id-Dis

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Hillside	9		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Grada	**11**		
Grada	**13**		
15, Ċikutita	**15**		
Aurora	**17**		
Serenade	**19**		

It-22 ta' April, 2025

22nd April, 2025

Nru. 639

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

It-22 ta' April, 2025

No. 639

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

22nd April, 2025

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2023/0669	Z50022	11th portion of Farm, Ta' Għajn Damma, Xagħra, Gozo, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0649	J61870	Raba' il-Buskett I & II Nadur, Gozo	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2024/0735	J58694	Raba' "Tal-Gruwa", Sannat, Gozo, Malta	To divide Government owned agricultural land
AGRI 1/2024/0753	J293348	Raba' Ta' Limless, Sannat	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2025/0148	050465-008	2nd portion of land, Ġnien Fieres, Rabat, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2025/0178	052680-001	Land Tax-Xini, Rabat, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2025/0179	052038-013	Farm Bieb ir-Ruwa, Fields Ta'Cala and Ta'Xagħra, Rabat, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 84

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

POLICE NOTICE

No. 84

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Baħrija

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mit-8.30 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq Miġra l-Ferħa, l-Imtaħleb limiti tar-Rabat.

Ir-Rabat, Malta

Nhar is-Sibt, 24 ta' Mejju, 2025, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Pjazza Santu Wistin, Triq Santu Wistin, Triq San Franġisk, Triq il-Kulleġġ, Triq San Ġużepp u Pjazza L'Isle Adam;

Nhar is-Sibt, 24 ta' Mejju, 2025, mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq l-Isptar, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Santa Marija, Triq Sant'Antnin, Pjazza San Pawl u Triq San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' April, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 85

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Lija

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mis-7.30 a.m. sas-1.30 p.m., minn Triq Sir Ugo Mifsud, Triq is-Salvatur, Triq id-Dejqa, Triq Merino, Misraħ Borg, Triq San Alwiġi Gonzaga, Triq Preziosi, Triq il-Forn, Triq il-Kbira, Triq Annibale Preca, Triq Sant'Andrija, Triq Mikielanġ Borg, Triq Mario Agius, Triq Robert Mifsud Bonnici, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Pjazza tat-Trasfigurazzjoni.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' April, 2025

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Baħrija

On Sunday, 27th April, 2025, from 8.30 a.m. to 5.00 p.m., through Triq Miġra l-Ferħa, Mtaħleb limits of Rabat.

Rabat, Malta

On Saturday, 24th May, 2025, from 5.00 p.m. to 10.00 p.m., through Pjazza Santu Wistin, Triq Santu Wistin, Triq San Franġisk, Triq il-Kulleġġ, Triq San Ġużepp and Pjazza L'Isle Adam;

On Saturday, 24th May, 2025, from 7.00 p.m. to 10.00 p.m., through Triq l-Isptar, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Santa Marija, Triq Sant'Antnin, Pjazza San Pawl and Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

22nd April, 2025

POLICE NOTICE

No. 85

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Lija

On Sunday, 27th April, 2025, from 7.30 a.m. to 1.30 p.m., through Triq Sir Ugo Mifsud, Triq is-Salvatur, Triq id-Dejqa, Triq Merino, Misraħ Borg, Triq San Alwiġi Gonzaga, Triq Preziosi, Triq il-Forn, Triq il-Kbira, Triq Annibale Preca, Triq Sant'Andrija, Triq Mikielanġ Borg, Triq Mario Agius, Triq Robert Mifsud Bonnici, Vjal it-Trasfigurazzjoni and Pjazza tat-Trasfigurazzjoni.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd April, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 86

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Tarxien

Nhar is-Sibt, 26 ta' April, 2025, mis-1.00 p.m. sal-4.30 p.m., minn Misraħ is-Suq (clearance) u Triq il-Kbira.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Misraħ is-Suq (clearance), Triq it-Tempji Neolitiċi, Triq l-Annunzjata, Triq l-Iskola, Triq Manwel Buhagiar, Triq Lampuka, Joanne Gardens, Triq is-Sorijiet u Triq Xintill.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Ħal Luqa

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, minn Misraħ Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija, Triq l-Iskola, Triq Ġorġ Zahra, Triq Indrì Micallef, Triq Ċensu Decandia, Triq Tumas Galea u Triq Ġużeppi Ellul.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mis-6.00 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza San Publiju bejn Triq Sarria u Triq San Publiju, Triq il-Mall bejn Triq Vincenzo Dimech u Triq Sarria, Pjazza E.S. Tonna bejn Triq il-Mall u Triq Sant'Anna, Triq San Publiju bejn Pjazza E. S. Tonna u Triq San Tumas, Triq San Tumas bejn Triq San Publiju u Triq San Franġisk, Triq San Franġisk bejn Triq San Tumas u Triq il-Miratur, Triq il-Miratur bejn Triq San Franġisk u Pjazza San Publiju;

POLICE NOTICE

No. 86

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Tarxien

On Saturday, 26th April, 2025, from 1.00 p.m. to 4.30 p.m., through Misraħ is-Suq (clearance) and Triq il-Kbira.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be affected;

On Sunday, 27th April, 2025, from 6.00 a.m. to 10.00 a.m., through Misraħ is-Suq (clearance), Triq it-Tempji Neolitiċi, Triq l-Annunzjata, Triq l-Iskola, Triq Manwel Buhagiar, Triq Lampuka, Joanne Gardens, Triq is-Sorijiet and Triq Xintill.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Ħal Luqa

On Sunday, 27th April, 2025, from 9.00 a.m. to noon, through Misraħ Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija, Triq l-Iskola, Triq Ġorġ Zahra, Triq Indrì Micallef, Triq Ċensu Decandia, Triq Tumas Galea and Triq Ġużeppi Ellul.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

Floriana

On Sunday, 27th April, 2025, from 6.00 a.m. to noon, through Pjazza San Publiju between Triq Sarria and Triq San Publiju, Triq il-Mall between Triq Vincenzo Dimech and Triq Sarria, Pjazza E.S. Tonna between Triq il-Mall and Triq Sant'Anna, Triq San Publiju between Pjazza E. S. Tonna and Triq San Tumas, Triq San Tumas between Triq San Publiju and Triq San Franġisk, Triq San Franġisk between Triq San Tumas and Triq il-Miratur, Triq il-Miratur between Triq San Franġisk and Pjazza San Publiju;

Nhar it-Tnejn, 28 ta' April, 2025, minn nofsinhar sal-11.00 p.m., minn Triq San Publiju bejn Triq il-Miratur u Triq San Tumas, Triq Mauro Caruana bejn Triq il-Miratur u Triq San Tumas, Triq il-Konservatorju bejn Triq il-Mall u Triq l-Iljun u Triq l-Iljun bejn Triq il-Konservatorju u Triq Vincenzo Dimech;

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Mejju, 2025, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Miratur bejn Triq San Franġisk u Triq Sant'Anna u Pjazza San Publiju bejn Triq San Publiju u Triq Sarria;

Mis-6.00 a.m. tal-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2025 sa nofsillejl tas-Sibt, 3 ta' Mejju, 2025, minn Triq San Publiju bejn Pjazza San Publiju u Triq l-Assedju l-Kbir;

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2025, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Pjazza San Publiju bejn Triq Sarria u Triq San Publiju, Triq il-Miratur bejn Triq San Publiju u Triq San Franġisk, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen bejn Triq Pietro Floriani u Triq San Tumas, Triq Antonio Agius bejn Triq il-Fosos u Triq Tony Zarb, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall u Triq l-Iljun bejn Triq l-Argotti u Triq Vincenzo Dimech;

Nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju, 2025, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq San Publiju bejn Pjazza San Publiju u Pjazza E. S. Tonna, Triq il-Miratur bejn Triq San Publiju u Triq il-Kapuċċini, Triq il-Kapuċċini bejn Triq il-Miratur u Pjazza Robert Sammut, Triq F. X. Fenech bejn Pjazza Robert Sammut u l-knisja tal-Kappuċċini and l-parkeġġ ta' quddiem il-knisja tal-Kappuċċini;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2025, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Triq il-Miratur bejn Triq San Publiju u Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen bejn Triq is-Suq u Triq il-Fosos, Triq San Tumas (il-parti ż-żgħira), Triq is-Suq bejn Triq Sant'Anna u Triq l-Imħażen, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq l-Iljun bejn Triq Oliver Friggieri u Triq l-Argotti, Triq l-Argotti bejn Triq l-Iljun u Triq il-Mall, Triq il-Mall bejn Triq Vincenzo Dimech u Triq l-Argotti, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq il-Fosos bejn Triq l-Imħażen u Triq Antonio Agius u Triq Antonio Agius bejn Triq il-Fosos u Triq San Tumas (il-parti ż-żgħira);

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2025, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Vincenzo Dimech bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq il-Konservatorju bejn Pjazza San Kalċidonju u Triq il-Mall, Triq l-Iljun bejn Triq il-Konservatorju u Triq l-Argotti, Triq l-Argotti bejn Triq l-Iljun u Triq il-Mall, Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur bejn Triq l-Imħażen u Triq San Publiju, Pjazza San Publiju bejn Triq Sarria u Triq San Publiju, Triq il-Mall bejn

On Monday, 28th April, 2025, from noon to 11.00 p.m., through Triq San Publiju between Triq il-Miratur and Triq San Tumas, Triq Mauro Caruana between Triq il-Miratur and Triq San Tumas, Triq il-Konservatorju between Triq il-Mall and Triq l-Iljun and Triq l-Iljun between Triq il-Konservatorju and Triq Vincenzo Dimech;

On Thursday, 1st May, 2025, from 3.00 p.m. to midnight, through Triq il-Miratur between Triq San Franġisk and Triq Sant'Anna and Pjazza San Publiju between Triq San Publiju and Triq Sarria;

From 6.00 a.m. of Friday, 2nd May, 2025 to midnight of Saturday, 3rd May, 2025, through Triq San Publiju between Pjazza San Publiju and Triq l-Assedju l-Kbir;

On Friday, 2nd May, 2025, from 3.00 p.m. to midnight, through Pjazza San Publiju between Triq Sarria and Triq San Publiju, Triq il-Miratur between Triq San Publiju and Triq San Franġisk, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen between Triq Pietro Floriani and Triq San Tumas, Triq Antonio Agius between Triq il-Fosos and Triq Tony Zarb, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall and Triq l-Iljun between Triq l-Argotti and Triq Vincenzo Dimech;

On Saturday, 3rd May, 2025, from 1.00 p.m. to midnight, through Triq San Publiju between Pjazza San Publiju and Pjazza E. S. Tonna, Triq il-Miratur between Triq San Publiju and Triq il-Kapuċċini, Triq il-Kapuċċini between Triq il-Miratur and Pjazza Robert Sammut, Triq F. X. Fenech between Pjazza Robert Sammut and the capuchins' church and the parking area in front of the capuchins' church;

On Sunday, 4th May, 2025, from 6.00 a.m. to 6.00 p.m., through Triq il-Miratur between Triq San Publiju and Triq l-Imħażen, Triq l-Imħażen between Triq is-Suq and Triq il-Fosos, Triq San Tumas (the small part), Triq is-Suq between Triq Sant'Anna and Triq l-Imħażen, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq l-Iljun between Triq Oliver Friggieri and Triq l-Argotti, Triq l-Argotti between Triq l-Iljun and Triq il-Mall, Triq il-Mall between Triq Vincenzo Dimech and Triq l-Argotti, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq il-Fosos between Triq l-Imħażen and Triq Antonio Agius and Triq Antonio Agius between Triq il-Fosos and Triq San Tumas (the small part);

On Sunday, 4th May, 2025, from 2.00 p.m. to midnight, through Triq Vincenzo Dimech between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq il-Konservatorju between Pjazza San Kalċidonju and Triq il-Mall, Triq l-Iljun between Triq il-Konservatorju and Triq l-Argotti, Triq l-Argotti between Triq l-Iljun and Triq il-Mall, Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur between Triq l-Imħażen and Triq San Publiju, Pjazza San Publiju between Triq Sarria

Triq Vincenzo Dimech u Triq il-Konservatorju, Pjazza San Kalċidonju bejn Triq Oliver Friggieri u Triq il-Konservatorju, Triq l-Imħażen bejn Triq San Tumas u Triq il-Miratur u Triq Antonio Agius bejn Triq il-Fosos u Triq San Tumas (il-parti ż-żgħira, Tony Zarb).

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mosta

Nhar il-Ħadd, 27 ta' April, 2025, mill-5.00 a.m. sal-4.00 p.m., miż-żona ta' parkeġġ maġenb il-knisja.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Mejju, 2025, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, mill-parkeġġ ta' quddiem l-Ambaxxata Amerikana.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Ħal Qormi

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2025, mill-5.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq Aniċi, Triq Santa Katarina u Triq il-Knisja sal-knisja parrokkjali.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2025, mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m., mill-pjazza ta' quddiem Dar Bjorn fi Triq Pawlu Balzan.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Mejju, 2025, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Sciortino (ħdejn il-każin, clearance), Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira u Misraħ San Filep.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

and Triq San Publiju, Triq il-Mall between Triq Vincenzo Dimech and Triq il-Konservatorju, Pjazza San Kalċidonju between Triq Oliver Friggieri and Triq il-Konservatorju, Triq l-Imħażen between Triq San Tumas and Triq il-Miratur and Triq Antonio Agius between Triq il-Fosos and Triq San Tumas (the small part, Tony Zarb).

Closure of streets will take place as required.

Public transport will be affected.

Mosta

On Sunday, 27th April, 2025, from 5.00 a.m. to 4.00 p.m., through the parking area next to the church.

Public transport will not be affected.

Ta' Qali limits of Ħ'Attard

On Thursday, 1st May, 2025, from 6.00 a.m. onwards, through the parking in front of the American Embassy.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Ħal Qormi

On Sunday, 4th May, 2025, from 5.00 p.m. to 7.30 p.m., through Triq il-Kbira, Triq Aniċi, Triq Santa Katarina and Triq il-Knisja till the parish church.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

Ħaż-Żebbuġ

On Sunday, 4th May, 2025, from 7.00 a.m. to 2.00 p.m., through the square in front of Dar Bjorn in Triq Pawlu Balzan.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Public transport will be affected.

Clearance is required;

On Monday, 12th May, 2025, from 6.30 p.m. to 11.30 p.m., through Triq Sciortino (near the club, clearance), Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira and Misraħ San Filep.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju, 2025, mill-4.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq il-Grazzja (ħdejn il-kappella), Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Frans Sammut u Triq Monsignor S. Milanesi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Ħal Kirkop

Mid-9.00 a.m. tal-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025 sas-6.00 p.m. tal-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2025, se jkun hemm clearance ta' Triq San Benedittu, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ Ħal Kirkop, Misraħ San Anard (Leonardo), Misraħ iż-Żernieq, Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana u Triq Beneditt Farrugia.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2025 mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m., Triq San Benedittu minn Triq San Ġużepp sa Misraħ Ħal Kirkop, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ San Anard (Leonardu), Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana, Misraħ iż-Żernieq and Triq Beneditt Farrugia se jkun magħluqin.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2025 mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., se jkun hemm clearance u se jingħalqu Misraħ San Anard (Leonardo) u Triq Mons. Mikiel Barbara.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' April, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 42 tal-2025

Birżebbuġa Sailing Club – Crosscraft Spring Regatta 2025

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, b'dan jgħarraf lill-baħħara li l-Birżebbuġa Sailing Club se jorganizza l-Crosscraft Spring Regatta 2025 bejn is-Sibt, 26 ta' April u l-Ħadd, 27 ta' April, 2025.

It-tlielaq għandhom isiru bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m. (ħin lokali) fil-ġranet kollha.

Clearance is required;

On Monday, 26th May, 2025, from 4.30 p.m. to 9.30 p.m., through Triq il-Grazzja (near the chapel), Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Triq Frans Sammut and Triq Monsignor S. Milanesi.

Public transport will not be affected.

No clearance is required.

Ħal Kirkop

